

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2205**tas-6 ta' Awwissu 2015****li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-obbligu tal-ikklerjar****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-dejta dwar it-tranżazzjonijiet ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) ġiet notifikata bil-klassijiet ta' derivattivi b'rati tal-imgħax barra l-Borża (OTC) li ċerti kontropartijiet ċentrali (CCPs) ingħataw awtorizzazzjoni li jikklerjaw. Għal kull waħda minn dawn il-klassijiet, l-ESMA evalwat il-kriterji li huma essenzjali biex tissugġettahom għall-obbligu tal-ikklerjar, inkluż il-livell ta' standardizzazzjoni, il-volum u l-likwidità, u d-disponibilità tal-informazzjoni dwar il-prezz. Bl-oġettiv fuq kollox tat-tnaqqis ta' riskju sistemiku, l-ESMA stabbiliet il-klassijiet ta' derivattivi b'rata tal-imgħax OTC li għandhom jiġu suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar skont il-proċedura stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 648/2012.
- (2) Il-kuntratti dwar derivattivi b'rata tal-imgħax OTC jista' jkollhom ammont nozzjonali kostanti, ammont nozzjonali varjabbli jew inkella ammont nozzjonali kondizzjonali. Kuntratti b'ammont nozzjonali kostanti jkollhom ammont nozzjonali li ma jvarjax matul iż-żmien li fih jibqa' validu l-kuntratt. Kuntratti b'ammont nozzjonali varjabbli jkollhom ammont nozzjonali li jvarja b'mod prevedibbli matul iż-żmien li fih jibqa' validu l-kuntratt. Kuntratti b'ammont nozzjonali kundizzjonali jkollhom ammont nozzjonali li jvarja b'mod mhux prevedibbli matul iż-żmien li fih jibqa' validu l-kuntratt. Ammonti nozzjonali kondizzjonali jżidu mal-kumplessità tal-ipprezzar u l-ġestjoni tar-riskju, assoċjati ma' kuntratti dwar derivattivi b'rata tal-imgħax OTC u għalhekk mal-abilità tas-CCPs li jikklerjawhom. Dan il-fattur għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni meta jiġu definiti l-klassijiet ta' derivattivi b'rati tal-imgħax OTC li għandhom jkunu suġġetti għall-obbligu ta' kkljar.
- (3) Meta jkun qed jiġi ddeterminat liema klassijiet ta' kuntratti ta' derivattivi OTC għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar, għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni n-natura speċifika tal-kuntratti tad-derivattivi OTC li jiġu konklużi ma' min jorog bonds koperti jew ma' "cover pools" ta' bonds koperti. F'dan ir-rigward, il-klassijiet ta' derivattivi b'rati tal-imgħax OTC suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar taħt dan ir-Regolament ma għandhomx jinkludu kuntratti konklużi ma' min jorog bonds koperti jew ma' "cover pools" ta' bonds koperti, sakemm huma jkunu jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet.
- (4) Kontropartijiet differenti għandhom bżonn perjodu differenti ta' żmien biex jistabbilixxu l-arranġamenti neċessarji biex jikklerjaw id-derivattivi b'rati tal-imgħax OTC li jkunu suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar. Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm implimentazzjoni ordnata u f'ħinha ta' dak l-obbligu, il-kontropartijiet għandhom jiġu kklasifikati f'kategoriji li fihom kontropartijiet li jkollhom karatteristiċi suffiċjentement simili jkunu suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar mill-istess data.
- (5) L-ewwel kategorija għandha tinkludi kemm kontropartijiet finanzjarji kif ukoll mhux finanzjarji li, fid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, ikunu membri tal-ikklerjar ta' mill-anqas waħda mis-CCPs rilevanti u li għall-anqas waħda mill-klassijiet ta' derivattivi b'rati tal-imgħax OTC suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar, peress li dawk il-kontropartijiet diġà jkollhom esperjenza bl-ikklerjar volontarju u jkunu diġà stabbilew il-konnessjonijiet ma' dawk is-CCPs biex jikklerjaw mill-anqas waħda minn dawk il-klassijiet. Kontropartijiet mhux finanzjarji li jkunu

⁽¹⁾ ĠUL 201, 27.7.2012, p. 1.

membri tal-ikklerjar għandhom ukoll jiġu inklużi f'din l-ewwel kategorija peress li l-esperjenza u l-preparazzjoni tagħhom lejn l-ikklerjar ċentrali hija kumparabbli ma' dik ta' kontropartijiet finanzjarji inklużi fiha.

- (6) It-tieni u t-tielet kategorija għandhom jinkludu kontropartijiet finanzjarji mhux inklużi fl-ewwel kategorija, miġbura skont il-livelli tagħhom ta' kapaċità ġuridika u operattiva rigward id-derivattivi OTC. Il-livell ta' attività f'derivattivi OTC għandu jservi ta' bażi għad-differenzjazzjoni tal-grad ta' kapaċità ġuridika u operattiva tal-kontropartijiet finanzjarji, u għatba kwantitattiva għandha tiġi għalhekk stabbilita għal diviżjoni bejn it-tieni u t-tielet kategorija abbażi tal-ammont nozzjonali medju aggregat fi tmiem ix-xahar ta' derivattivi kklerjati mhux ċentrali. Dik l-għatba għandha tiġi stabbilita fl-livell xieraq biex jiġu differenzjati parteċipanti iżgħar fis-suq, filwaqt li xorta tkun taqbad livell sinifikanti ta' riskju taħt it-tieni kategorija. L-għatba għandha wkoll tkun allinjata mal-għatba maqbula fl-livell internazzjonali marbuta mar-rekwiżiti ta' marġini għal derivattivi mhux ikklerjati ċentralment sabiex tittejjeb il-konverġenza regolatorja u jiġu limitati l-kosti ta' konformità għall-kontropartijiet. Bħal fil-każ ta' dawk l-istandards internazzjonali, filwaqt li l-għatba tapplika b'mod ġenerali fil-livell ta' grupp meta wieħed iqis ir-riskji potenzjali kondiviżi fi ħdan il-grupp, fil-każ ta' fondi ta' investiment l-għatba għandha tiġi applikata b'mod separat għal kull fond peress li r-responsabbiltajiet ta' fond mhumieq normalment affettwati mir-responsabbiltajiet ta' fondi oħra jew l-amministratur tal-investment tagħhom. Għalhekk l-għatba għandha tiġi applikata b'mod separat għal kull fond sakemm, fil-każ ta' insolvenza jew falliment tal-fond, kull fond ta' investiment ikun jikkostitwixxi ġabra ta' assi kompletament separata u protetta li ma tkun kollateralizzata, garantita jew appoġġjata minn fondi oħra ta' investiment jew mill-amministratur tal-investment innifsu.
- (7) Ċerti fondi ta' investiment alternattivi ("AIFs") ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' kontropartijiet finanzjarji skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 għalkemm għandhom grad ta' kapaċità operattiva fir-rigward ta' kuntratti ta' derivattivi OTC simili għal dak ta' AIFs li jaqgħu taħt dik id-definizzjoni. Għalhekk l-AIFs li jiġu kklassifikati bħala kontropartijiet mhux finanzjarji għandhom jiġu inklużi fl-istess kategoriji ta' kontropartijiet bħal AIFs ikklassifikati bħala kontropartijiet finanzjarji.
- (8) Ir-raba' kategorija għandha tinkludi kontropartijiet mhux finanzjarji mhux inklużi fil-kategoriji l-oħra, meta jitqiesu l-esperjenza u l-kapaċità aktar limitata tagħhom b'derivattivi OTC u b'ikklerjar ċentrali mill-kategoriji l-oħra ta' kontropartijiet.
- (9) Id-data li fiha l-obbligu tal-ikklerjar jidħol fis-seħħ fil-każ ta' kontropartijiet fl-ewwel kategorija għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-fatt li huma jista' ma jkollhomx il-konnessjonijiet neċessarji preeżistenti mas-CCPs għall-klassijiet kollha suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar. Barra minn dan, il-kontropartijiet f'din il-kategorija jikkostitwixxu l-punt ta' aċċess għall-ikklerjar għal kontropartijiet li ma humieq membri tal-ikklerjar, bl-istennija li l-ikklerjar tal-klijenti u ikklerjar indirett tal-klijenti jiżdied b'mod sostanzjali bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tal-obbligu tal-ikklerjar. Fl-aħħarnett, din l-ewwel kategorija ta' kontropartijiet tiffirma parti sinifikanti mill-volum ta' derivattivi b'rata ta' imgħax OTC li diġà huma kklerjati, u l-volum tat-tranżazzjonijiet li għandhom jiġu kklerjati se jiżdied b'mod sinifikanti wara d-data li fiha l-obbligu tal-ikklerjar stabbilit b'dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ. Għalhekk, għandu jiġi stabbilit perjodu ta' żmien raġjonevoli ta' sitt xhur għall-kontropartijiet fl-ewwel kategorija biex iħejju għall-ikklerjar ta' klassijiet addizzjonali, sabiex jittrattaw iż-żieda fl-ikklerjar tal-klijenti u l-ikklerjar indirett tal-klijenti u jadattaw għal volumi li jiżdiedu ta' tranżazzjonijiet li għandhom jiġu kklerjati.
- (10) Id-data li fiha l-obbligu tal-ikklerjar jidħol fis-seħħ fil-każ ta' kontropartijiet fit-tieni u t-tielet kategoriji għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-fatt li l-biċċa l-kbira minnhom jakkwistaw aċċess għal CCP billi jsiru klijent jew klijent indirett ta' membri tal-ikklerjar. Jista' jkun hemm bżonn ta' bejn 12 u 18-il xahar għal dan il-proċess, skont il-kapaċità ġuridika u operattiva tal-kontropartijiet u l-livell tagħhom ta' tħejjija rigward l-istabbiliment tal-arranġamenti ma membri tal-ikklerjar li jkunu neċessarji għall-ikklerjar tal-kuntratti.
- (11) Id-data li fiha l-obbligu tal-ikklerjar jidħol fis-seħħ fil-każ tal-kontropartijiet fir-raba' kategorija għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-kapaċità ġuridika u operattiva tagħhom, u l-esperjenza aktar limitata tagħhom b'derivattivi OTC u l-ikklerjar ċentrali minn kategoriji oħra ta' kontropartijiet.
- (12) Fil-każ ta' kuntratti ta' derivattivi OTC konklużi bejn kontroparti stabbilita f'pajjiż terz u kontroparti oħra stabbilita fl-Unjoni li tkun tappartjeni għall-istess grupp u li jkunu inklużi fl-istess konsolidazzjoni fuq bażi sħiħa u li jkunu suġġetti għal evalwazzjoni ta' riskju xierqa u ċentralizzata, proċeduri ta' kejl u ta' kontroll, għandha tingħata data differita ta' applikazzjoni tal-obbligu tal-ikklerjar. L-applikazzjoni differita għandha tiżgura li dawk

il-kuntratti li ma jkunux suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar għal perjodu limitat ta' żmien fin-nuqqas ta' atti implimentattivi skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li jkopri l-kuntratti ta' derivattivi OTC stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament u għar-rigward tal-ġurisdizzjoni fejn tkun stabbilita l-kontropartijiet mhux tal-Unjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu fil-pożizzjoni li jivverifikaw minn qabel li l-kontropartijiet li jikkonkludu dawk il-kuntratti jkunu jappartjenu għall-istess grupp u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra ta' tranżazzjonijiet intragrupp skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

- (13) Għall-kuntrarju ta' derivattivi OTC li l-kontropartijiet tagħhom ikunu kontropartijiet mhux finanzjarji, meta l-kontropartijiet għal kuntratti ta' derivattivi OTC ikunu kontropartijiet finanzjarji, ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jirrekjedi l-applikazzjoni tal-obbligu tal-ikklerjar għal kuntratti konklużi wara n-notifika lill-ESMA li ssegwi l-awtorizzazzjoni ta' CCP għall-ikklerjar ta' ċerta klassi ta' derivattivi OTC, iżda qabel id-data li fiha jidħol fis-seħħ l-obbligu tal-ikklerjar, sakemm dan ikun ġustifikat mill-maturità residwa tat-tali kuntratti fid-data li fiha l-obbligu jidħol fis-seħħ. L-applikazzjoni tal-obbligu tal-ikklerjar għal dawk il-kuntratti għandha ssegwi l-oġġettiv li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi u koerenti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Għandha sservi biex tinkiseb l-istabilità finanzjarja u t-tnaqqis ta' riskju sistemiku, kif ukoll biex jiġi żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi għall-parteċipanti kollha fis-suq meta tiġi dikjarata klassi ta' kuntratti ta' derivattivi OTC suġġett għall-obbligu ta' kkljar. Il-maturità residwa minima għandha għalhekk tiġi ffixxata fil-livell li jiżgura l-kisba ta' dawk l-oġġettivi.
- (14) Qabel ma jidħlu fis-seħħ standards tekniċi regolatorji adottati skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, il-kontropartijiet ma jistgħux jipprevedu jekk kuntratti ta' derivattivi OTC li jikkonkludu ikunux suġġetti għall-obbligu ta' kkljar fid-data li fiha jidħol fis-seħħ dak l-obbligu. Din l-inċertezza għandha impatt sinifikanti fuq il-kapaċità tal-parteċipanti fis-suq li jiffissaw b'mod preċiż prezz għall-kuntratti ta' derivattivi OTC li huma jidħlu fihom peress li kuntratti kkljarati b'mod ċentrali huma suġġetti għal reġim kollaterali differenti minn kuntratti kkljarati mhux ċentralment. L-impożizzjoni ta' kuntratti ta' derivattivi OTC ikkljarati b'mod antiċipat konklużi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, irrispettivament mill-maturità residwa fid-data li fiha jidħol fis-seħħ l-obbligu tal-ikklerjar, tista' tillimita l-abbiltà tal-kontropartijiet li jiħħeġġjaw b'mod xieraq ir-riskji tas-suq tagħhom u jew ikollha impatt fuq il-funzjonament tas-suq u l-istabilità finanzjarja, jew ma tħallihomx jeżerċitaw l-attivitajiet tas-soltu tagħhom billi jiħħeġġjaw b'mezzi xierqa oħra.
- (15) Barra minn dan, il-kuntratti ta' derivattivi OTC konklużi wara li dan ir-Regolament ikun daħal fis-seħħ u qabel ma jidħol fis-seħħ l-obbligu tal-ikklerjar ma għandhomx ikun suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar sakemm il-kontropartijiet ta' dawn il-kuntratti ma jkunux jistgħu jistabbilixxu l-kategorija li huma inklużi fiha, jekk ikunux suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar għal kuntratt partikolari, inklużi t-tranżazzjonijiet intergruppi tagħhom, u qabel ma jkunu jistgħu jimplimentaw l-arranġamenti neċessarji biex jikkonkludu dawk il-kuntratti fil-kunsiderazzjoni tal-obbligu tal-ikklerjar. Għalhekk, sabiex jinżamm il-funzjonament ordnat u l-istabilità tas-suq, kif ukoll kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-kontropartijiet, ikun xieraq li jiġi kkunsidrat li dawk il-kuntratti ma jkunux suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar, irrispettivament mill-maturitajiet residwi tagħhom.
- (16) Il-kuntratti dwar derivattivi OTC konklużi wara n-notifika lill-ESMA li ssegwi l-awtorizzazzjoni ta' CCP li tiġi kkljarata ċerta klassi ta' derivattivi OTC, iżda qabel id-data li fiha jidħol fis-seħħ l-obbligu tal-ikklerjar ma għandhomx ikunu suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar meta ma jkunux rilevanti b'mod sinifikanti għar-riskju sistemiku jew meta l-issuġġettar ta' dawn il-kuntratti għall-obbligu tal-ikklerjar altrimenti jipperikola l-applikazzjoni uniformi u koerenti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Ir-riskju ta' kreditu tal-kontropartijiet assoċjati ma' kuntratti dwar derivattivi OTC b'maturitajiet aktar twal jibqa' fis-suq għal perjodu itwal minn dak assoċjat mad-derivattivi b'rati tal-imgħax OTC b'maturitajiet residwi baxxi. L-impożizzjoni ta' obbligu tal-ikklerjar fuq kuntratti b'maturitajiet residwi qosra ikun jimplika piż fuq il-kontropartijiet li jkun sproporzjonat għal-livell ta' riskju mitigat. Barra minn dan, derivattivi OTC tar-rata tal-imgħax b'maturitajiet residwi baxxi jirrappreżentaw porzjon relattivament baxx mis-suq totali u għalhekk porzjon relattivament żgħir mir-riskju sistemiku totali assoċjat ma' dan is-suq. Il-maturitajiet residwi minimi għandhom għalhekk jiġu ffixxati fl-livell li jiżgura li l-kuntratti ma' maturitajiet li jifdal ta' mhux aktar minn ftit xhur ma jkunux suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar.
- (17) Il-kontropartijiet fit-tielet kategorija iġorru sehem relattivament limitat tar-riskju sistemiku ġenerali u għandhom grad aktar baxx ta' kapaċità ġuridika u operattiva għar-rigward tad-derivattivi OTC minn kontropartijiet fl-ewwel u t-tieni kategorija. Elementi essenzjali tal-kuntratti dwar derivattivi OTC, inkluż l-ipprezzar ta' derivattivi b'rata tal-imgħax OTC suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar u konklużi qabel ma dak l-obbligu jkun daħal fis-seħħ se

jkollhom jiġu adattati fi żmien perjodi qosra sabiex jinkorporaw l-ikklerjar li ma jseħħx qabel ma jkunu għaddew diversi xhur wara li jkun konkluż il-kuntratt. Dan il-proċess ta' ikklerjar antiċipat jinvolti adattazzjonijiet importanti għall-mudell tal-ipprezzar u emendi għad-dokumentazzjoni ta' daww il-kuntratti ta' derivattivi OTC. Il-kontropartijiet fit-tielet kategorija għandhom abilità limitata ħafna li jinkorporaw ikklerjar antiċipat fil-kuntratti tad-derivattivi OTC tagħhom. Għalhekk, l-impożizzjoni tal-ikklerjar ta' kuntratti tad-derivattivi OTC konklużi qabel ma jkun ħa effett l-obbligu tal-ikklerjar għal daww il-kontropartijiet jista' jillimita l-ħila tagħhom li jhheggjaw ir-riskji tagħhom b'mod adegwat u jew ikollu impatt fuq il-funzjonament u l-istabilità tas-suq jew inkella ma jħallihomx jeżerċitaw l-attivitajiet normali tagħhom jekk ma jkunux jistgħu jibqgħu jhheggjaw. Għalhekk, il-kuntratti ta' derivattivi OTC konklużi minn kontropartijiet fit-tielet kategorija qabel id-data li fiha l-obbligu tal-ikklerjar jidħol fis-seħħ ma għandhomx ikunu suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar.

- (18) Barra minn hekk, il-kuntratti ta' derivattivi OTC konklużi bejn il-kontropartijiet li jappartjenu għall-istess grupp jistgħu jiġu eżenti mill-ikklerjar, sakemm jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, sabiex tiġi evitata l-limitazzjoni tal-effiċjenza tal-proċessi ta' ġestjoni tar-riskju intragrupp u b'hekk jimminaw il-kisba tal-għan suprem tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Għalhekk, it-tranżazzjonijiet intragrupp li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet u li jkunu konklużi qabel id-data li fiha l-obbligu tal-ikklerjar jidħol fis-seħħ għal daww it-tranżazzjonijiet ma għandhomx ikunu suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar.
- (19) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomess mill-ESMA lill-Kummissjoni.
- (20) Il-Kummissjoni infurmat lill-ESMA bl-intenzjoni tagħha li tapprova b'emendi l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji proposti mill-ESMA, skont il-proċedura stabbilita fil-ħames u s-sitt subparagrafi tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾. L-ESMA adottat opinjoni formali dwar daww l-emendi li hija ppreżentat lill-Kummissjoni.
- (21) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa msejjes dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali, talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit bl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, u kkonsultat lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Klassijiet ta' derivattivi OTC suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar

1. Il-klassijiet ta' derivattivi barra l-Borża (OTC) elenkati fl-Anness ikunu suġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar.
2. Il-klassijiet ta' derivattivi OTC elenkati fl-Anness ma jinkludux kuntratti konklużi ma' min joħroġ bonds koperti jew ma' "cover pools" ta' bonds koperti, sakemm daww il-kuntratti ma jkunux jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejn:
 - (a) Jintużaw biss biex jhheggjaw ir-rata tal-imgħax jew id-diskrepanzi fil-munita tal-pool ta' kopertura f'relazzjoni mal-bond koperti;
 - (b) Ikunu rreġistrati jew irrekordjati fil-pool ta' kopertura tal-bond koperti skont il-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-bond koperti;
 - (c) Ma jiġux terminati fil-każ ta' riżoluzzjoni jew insolvenza ta' min joħroġ bonds koperti jew tal-pool ta' kopertura;

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

- (d) Il-kontroparti għad-derivattiva OTC konklużi ma' min joħroġ bonds koperti jew ma' "cover pools" ta' bonds koperti, tkun fil-livell mill-anqas identiku mad-detenturi ta' bonds koperti ħlief meta l-kontroparti tad-derivattivi OTC konklużi ma' min joħroġ bonds koperti jew ma' "cover pools" ta' bonds koperti tkun il-parti finadempjenza jew dik affettwata, jew iċċedi l-livell identiku;
- (e) Il-bond kopert ikun jissodisfa l-Artikolu 129 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ u jkun suġġett għal obbligu ta' kollateralizzazzjoni regulatorja ta' mill-anqas 102 %.

Artikolu 2

1. Għall-iskopjiet tal-Artikoli 3 u 4, il-kontropartijiet suġġetti għall-obbligi tal-ikklerjar ikunu maqsuma fil-kategoriji li ġejjin:

- (a) Il-Kategorija 1, li tinkludi l-kontropartijiet li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ikunu membri li jikklerjaw, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2(14) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, għal mill-anqas klassi waħda ta' derivattivi OTC elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, ta' mill-anqas waħda mis-CCPs awtorizzati jew rikonxxuti qabel dik id-data li jikklerjaw tal-anqas waħda minn daww il-klassijiet;
- (b) Il-kategoriji 2 tinkludi kontropartijiet li ma jappartjenux għall-Kategorija 1 li jappartjenu għal grupp li l-medja aggregata fi tmiem ix-xahar tiegħu ta' ammont nozzjoni gross pendenti ta' derivattivi kklerjati mhux ċentralment għal Jannar, Frar u Marzu 2016 tkun aktar minn EUR 8 biljun u li jkunu xi waħda mis-segwenti:
- (i) Kontropartijiet finanzjarji;
- (ii) Fondi alternattivi ta' investiment kif definiti fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ li jkunu kontropartijiet mhux finanzjarji.
- (c) Il-Kategorija 3 li tinkludi kontropartijiet li ma jappartjenux għall-Kategorija 1 jew Kategorija 2 li jkunu xi waħda minn dawn li ġejjin:
- (i) Kontropartijiet finanzjarji;
- (ii) Fondi alternattivi ta' investiment kif definiti fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE li jkunu kontropartijiet mhux finanzjarji.
- (d) Il-Kategorija 4 li tinkludi kontropartijiet mhux finanzjarji li ma jappartjenux għall-Kategorija 1, il-Kategorija 2 jew il-Kategorija 3.

2. Għall-iskop tal-kalkolu tal-medja aggregata fi tmiem ix-xahar tal-grupp ta' ammont nozzjonali pendenti gross imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, id-derivattivi kklerjati mhux ċentralment tal-grupp, inklużi antiċipi ta' skambju tal-munita, swaps u currency swaps, ikunu inklużi.

3. Fejn il-kontropartijiet ikunu fondi alternattivi ta' investiment kif definiti fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE jew impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli kif definiti fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, l-għatba ta' EUR 8 biljun imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tapplika b'mod individwali fil-livell ta' fond.

Artikolu 3

Id-data li minnha jibda l-obbligu tal-ikklerjar.

1. Għar-rigward ta' kuntratti li jappartjenu għal klassi ta' derivattivi OTC elenkati fl-Anness, l-obbligu tal-ikklerjar jidħol fis-seħħ:

- (a) fil-21 ta' Ġunju 2016 fil-każ ta' kontropartijiet fil-Kategorija 1;
- (b) fil-21 ta' Diċembru 2016 fil-każ ta' kontropartijiet fil-Kategorija 2;

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

⁽²⁾ Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

- (c) fil-21 ta' Ġunju 2017 fil-każ ta' kontropartijiet fil-Kategorija 3;
- (d) fil-21 ta' Diċembru 2018 fil-każ ta' kontropartijiet fil-Kategorija 4.

Meta kuntratt jiġi konkluż bejn żewġ kontropartijiet inklużi f'kategoriji differenti ta' kontropartijiet, id-data li minnha jidħol fis-seħħ l-obbligu tal-ikklerjar għal dak il-kuntratt tkun id-data tal-aħħar.

2. B'deroga mill-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1, għar-rigward ta' kuntratti li jappartjenu għal klassi ta' derivattivi OTC elenkati fl-Anness u konklużi bejn kontropartijiet li ma jkunux il-kontropartijiet fil-Kategorija 4 li jkunu parti mill-istess grupp u meta kontroparti waħda tkun stabbilita f'pajjiż terz u l-kontroparti l-oħra tkun stabbilita fl-Unjoni, l-obbligu tal-ikklerjar jidħol fis-seħħ:

- (a) fil-21 ta' Diċembru 2018 fil-każ li ma tkun ġiet adottata l-ebda deċiżjoni ta' ekwivalenza skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għall-iskopijiet tal-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament li jkopri kuntratti ta' derivattivi OTC imsemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament fejn jidħol il-pajjiż terz relevanti; jew
- (b) L-aħħar fost id-dati segwenti fil-każ li tkun tkun ġiet adottata deċiżjoni ta' ekwivalenza skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għall-iskopijiet tal-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament li jkopri kuntratti ta' derivattivi OTC msemija fl-Anness ta' dan ir-Regolament fejn jidħol il-pajjiż terz relevanti;
 - (i) 60 ġurnata wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għall-iskopijiet tal-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament li jkopri kuntratti ta' derivattivi OTC msemija fl-Anness ta' dan ir-Regolament fejn jidħol il-pajjiż terz relevanti;
 - (ii) Id-data li fiha jidħol fis-seħħ l-obbligu tal-ikklerjar skont il-paragrafu 1.

Din id-deroga tapplika biss meta l-kontropartijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) Il-kontroparti stabbilita f'pajjiż terz tkun jew kontroparti finanzjarja jew kontroparti mhux finanzjarja;
- (b) Il-kontroparti stabbilita fl-Unjoni tkun:
 - (i) Kontroparti finanzjarja, kontroparti mhux finanzjarja, kumpanija finanzjarja possedenti, istituzzjoni finanzjarja jew impriża ta' servizzi aċċessarji suġġetta għal rekwiżiti prudenzjali xierqa u l-kontroparti msemija fil-punt (a) tkun kontroparti finanzjarja; jew
 - (ii) Jew kontroparti finanzjarja jew kontroparti mhux finanzjarja u l-kontroparti msemija fil-punt (a) tkun kontroparti mhux finanzjarja;
- (c) Iż-żewġ kontropartijiet ikunu inklużi fl-istess konsolidazzjoni fuq bażi sħiħa skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;
- (d) Iż-żewġ kontropartijiet ikunu soġġetti għal proċeduri ċentralizzati ta' evalwazzjoni, kejl u kontroll tar-riskju;
- (e) Il-kontroparti stabbilita fl-Unjoni tkun innotifikat lill-awtorità kompetenti tagħha bil-miktub li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b), (c) u (d) ikunu ssodisfati u, fi żmien 30 jum tal-kalendarju wara l-wasla tan-notifika, l-awtorità kompetenti tkun ikkonfermat li dawk il-kundizzjonijiet ikunu ġew issodisfati.

Artikolu 4

Maturità residwa minima

1. Fil-każ ta' kontropartijiet finanzjarji fil-Kategorija 1, il-maturità residwa minima msemija fil-punt (ii) tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, fid-data li fiha jidħol fis-seħħ l-obbligu tal-ikklerjar tkun:
 - (a) 50 sena fil-każ ta' kuntratti li jkunu dahl fuq fis-seħħ jew innovati qabel il-21 ta' Frar 2016 li jappartjenu għall-klassijiet fit-Tabella 1 jew it-Tabella 2 kif tidher fl-Anness;
 - (b) 3 snin fil-każ ta' kuntratti li jkunu dahl fuq fis-seħħ jew innovati qabel il-21 ta' Frar 2016 li jappartjenu għall-klassijiet fit-Tabella 3 jew it-Tabella 4 kif tidher fl-Anness;
 - (c) 6 xhur fil-każ ta' kuntratti li jkunu dahl fuq fis-seħħ jew innovati fi jew wara l-21 ta' Frar 2016 li jappartjenu għall-klassijiet fit-Tabella 1 sat-Tabella 4 kif tidher fl-Anness;

2. Fil-każ ta' kontropartijiet finanzjarji fil-Kategorija 2, il-maturità residwa minima msemija fil-punt (ii) tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, fid-data li fiha jidħol fis-seħħ l-obbligu tal-ikklerjar tkun:

- (a) 50 sena fil-każ ta' kuntratti li jkunu daħlu fis-seħħ jew innovati qabel il-21 ta' Mejju 2016 li jappartjenu għall-klassijiet fit-Tabella 1 jew it-Tabella 2 kif tidher fl-Anness;
- (b) 3 snin fil-każ ta' kuntratti li jkunu daħlu fis-seħħ jew innovati qabel il-21 ta' Mejju 2016 li jappartjenu għall-klassijiet fit-Tabella 3 jew it-Tabella 4 kif tidher fl-Anness;
- (c) 6 xhur fil-każ ta' kuntratti li jkunu daħlu fis-seħħ jew innovati fi jew wara l-21 ta' Mejju 2016 li jappartjenu għall-klassijiet fit-Tabella 1 sat-Tabella 4 kif tidher fl-Anness;

3. Fil-każ ta' kontropartijiet finanzjarji fil-Kategorija 3, u ta' tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament, konklużi bejn kontropartijiet finanzjarji, il-maturità residwa minima msemija fil-punt (ii) tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, fid-data li fiha jidħol fis-seħħ l-obbligu tal-ikklerjar tkun:

- (a) 50 sena fil-każ ta' kuntratti li jappartjenu għall-klassijiet fit-Tabella 1 jew it-Tabella 2 tal-Anness;
- (b) 3 snin fil-każ ta' kuntratti li jappartjenu għall-klassijiet fit-Tabella 3 jew it-Tabella 4 tal-Anness;

4. Meta kuntratt jiġi konkluż bejn żewġ kontropartijiet finanzjarji li jkunu jappartjenu għal kategoriji differenti jew bejn żewġ kontropartijiet finanzjarji li jkunu involuti fi tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2), il-maturità residwa minima li tittieħed f'kunsiderazzjoni għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu tkun l-itwal maturità residwa li jifdal applikabbli.

Artikolu 5

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament ikun vinkolanti fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNKER

ANNESI

Klassijiet ta' derivattivi b'rata tal-imgħax OTC sugġetiti għall-obbligu tal-ikklerjar

Tabella 1

Klassijiet bażiċi ta' swaps

id	Tip	Indiċi ta' Referenza	Munita ta' Saldu	Maturità	Tip ta' Munita ta' Saldu	Opzjonalità	Tip Nozzjonali
A.1.1	Bażi	EURIBOR	EUR	28D-50Y	Munita unika	Le	Kostanti jew var-jabbli
A.1.2	Bażi	LIBOR	GBP	28D-50Y	Munita unika	Le	Kostanti jew var-jabbli
A.1.3	Bażi	LIBOR	JPY	28D-30Y	Munita unika	Le	Kostanti jew var-jabbli
A.1.4	Bażi	LIBOR	USD	28D-50Y	Munita unika	Le	Kostanti jew var-jabbli

Tabella 2

Klassijiet ta' Fixed-to-Float interest rate swap

id	Tip	Indiċi ta' Referenza	Munita ta' Saldu	Maturità	Tip ta' Munita ta' Saldu	Opzjonalità	Tip Nozzjonali
A.2.1	Fixed- to-Float	EURIBOR	EUR	28D-50Y	Munita unika	Le	Kostanti jew var-jabbli
A.2.2	Fixed- to-Float	LIBOR	GBP	28D-50Y	Munita unika	Le	Kostanti jew var-jabbli
A.2.3	Fixed- to-Float	LIBOR	JPY	28D-30Y	Munita unika	Le	Kostanti jew var-jabbli
A.2.4	Fixed- to-Float	LIBOR	USD	28D-50Y	Munita unika	Le	Kostanti jew var-jabbli

Tabella 3

Klassijiet ta' forward rate agreement

id	Tip	Indiċi ta' Referenza	Munita ta' Saldu	Maturità	Tip ta' Munita ta' Saldu	Opzjonalità	Tip Nozzjonali
A.3.1	FRA	EURIBOR	EUR	3D-3Y	Munita unika	Le	Kostanti jew var-jabbli
A.3.2	FRA	LIBOR	GBP	3D-3Y	Munita unika	Le	Kostanti jew var-jabbli
A.3.3	FRA	LIBOR	USD	3D-3Y	Munita unika	Le	Kostanti jew var-jabbli

Tabella 4

Klassijiet ta' overnight index swap

id	Tip	Indiċi ta' Referenza	Munita ta' Saldu	Maturità	Tip ta' Munita ta' Saldu	Opzjonalità	Tip Nozzjonali
A.4.1	OIS	EONIA	EUR	7D-3Y	Munita unika	Le	Kostanti jew var-jabbli
A.4.2	OIS	FedFunds	USD	7D-3Y	Munita unika	Le	Kostanti jew var-jabbli
A.4.3	OIS	SONIA	GBP	7D-3Y	Munita unika	Le	Kostanti jew var-jabbli